

3. Minbarra dan ir-rikorrenti tikkunsidra li l-miżuri inkwistjoni ma jistgħux joħlqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u lanqas tal-kummerċ bejn Stati Membri.
4. Minbarra dan, ir-rikorrenti ssostrni li d-deċiżjoni kkontestata twettaq żball manifest fl-evalwazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà tal-għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE: (i) l-ewwel nett, meta kkunsidrat il-prinċipju ta' newtralità teknoloġika bħala prinċipju assolut u, (ii) it-tieni nett, meta kkunsidrat li l-miżuri inkwistjoni jiksru n-newtralità teknoloġika minkejja l-konklużjonijiet kuntrarji li jinsabu fir-rapporti tekniċi pprovduti mill-gvern reġjonali, mill-awtoritajiet ċentrali Spanjoli u minn operatur privat; (iii) it-tielet nett, meta kkonkludiet li l-miżuri kkontestati ma kinux xierqa u proporzjonali, u (iv) ir-raba' nett, meta affermat li l-miżura toholq distorsjonijiet inutli tal-kompetizzjoni.
5. Sussidjarjament, ir-rikorrenti targumenta li d-Deċiżjoni tikser ir-Regolament Nru 659/1999 meta twettaq żball fl-analiżi tal-għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b)(v).

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2015 – Abertis Telecom Terrestre vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-37/15)

(2015/C 089/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Abertis Telecom Terrestre, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo, A. Balcells Cartagena u M. Bolsa Ferruż, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni sa fejn tiddikjara l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat bħala inkompatibbli mas-suq intern;
- konsegwentement, tannulla l-ordnijiet ta' rkupru kif stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma daww invokati fil-Kawża T-36/15, HISPASAT vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2015 – Telecom Castilla-La Mancha vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-38/15)

(2015/C 089/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Telecom Castilla-La Mancha, SA (Toledo, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, A. Lamadrid de Pablo, A. Balcells Cartagena u M. Bolsa Ferruż, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni sa fejn tiddikjara l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat bħala inkompatibbli mas-suq intern;
- konsegwentement, tannulla l-ordnijiet ta' rkupru kif stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma dawk invokati fil-Kawża T-36/15, HISPASAT vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2015 – ASPLA u Armando Álvarez vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**(Kawża T-40/15)**

(2015/C 089/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Plásticos Españoles, SA (ASPLA) (Torrelavega, Spanja) u Armando Álvarez, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: M. Troncoso Ferrer, avukat, u C. Ruixó Claramunt u S. Moya Izquierdo, avukati)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- prinċipalment, tikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tikkompensa d-dannu kkawżat mill-Qorti Ġenerali lir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, permezz tal-ħlas ta' EUR 3 495 038,66, ammont li miegħu għandhom jiżdiedu l-interessi kumpensatorji u moratorji bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, miżjuda b'żewġ punti, mid-data tal-preżentata tar-rikors;
- konsegwentement, tikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċeduri;
- sussidjarjament, tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tikkompensa d-dannu kkawżat mill-Qorti Ġenerali lir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, permezz tal-ħlas ta' EUR 3 495 038,66, ammont li miegħu għandhom jiżdiedu l-interessi kumpensatorji u moratorji bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, miżjuda b'żewġ punti, mid-data tal-preżentata tar-rikors, u
- konsegwentement tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jsostnu li kien hemm dewmien sakemm ingħataw id-deċiżjonijiet dwar ir-rikorsi ppreżentati minnhom quddiem il-qorti Komunitarja, rikorsi deċiżi fil-Kawżi T-76/06, ASPLA vs Il-Kummissjoni, u T-78/06, Armando Álvarez vs Il-Kummissjoni, permezz tas-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2011, u fl-appell permezz tas-sentenzi tat-22 ta' Mejju 2014.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li fl-opinjoni tagħhom jkkostitwixxi affermazzjoni mill-ġdid tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.